MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 784/2000/1

**Law. Quintano & Co. Ltd u b'nota tas-17 ta' Mejju 2004 l-isem tas-socjeta attrici tbiddel ghal "NLZ Ltd"**

**vs**

**Direttur tas-Sahha Pubblika u Kontrollur tad-Dwana, dan tal-ahhar ghal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tat-2 ta' Ottubru, 2001 gie kjamat fil-kawza it-Tabib Principali tal-Gvern bhala ir-rapprezentant guridiku tad-Dipartiment tas-Sahha**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mis-socjeta' attrici fis-26 ta' April, 2008, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta' attrici timporta f'Malta manifatturati mis-socjeta' estera Danone s.p.a., liema prodotti jikkonsistu principalment f'yoghurts u huma klassifikati kif dejjem hekk gew u ghadhom jigu klassifikati f'Malta, bhala prodotti dietetici;

Illi b'ittra datata 1 ta' Dicembru, 1998 il-konvenut Dipartiment tas-Sahha Pubblika insista illi billi prodotti dietetici, a tenur tal-Art. 11.1.2 tal-A.L. 65 tal-1992, imsejjhin "Labelling and presentation of Foodstuff Regulations 1992" il-prodotti msemmija kellhom juru fuq il-container il-kliem:
"Suitable for diabetics. May not be used by overweight diabetics, others are advised to consult their doctor/dietician".

Illi bhala bhala fatt, u bi qbil mal-konvenuti, is-socjeta' attrici kienet timporta il-prodott f'Malta, jittiehed il-fabbrika tas-socjeta' attrici, tizdied label Ii turi il-kliem rikjest fuq iI-containers li jkunu gew impurtati, jissejjah tad-dwana biex jivverifika Ii dan il-labelling ikun sar, u kif dan isir l-ufficjal tad-dwana jirrilaxxja l-merkanzija;

Illi bis-sahha ta' din il-procedura, u ukoll bhala fatt, il-prodotti mportati, ghaliex dietetici u ghaliex dan huwa muri fuq il-containers, jidhlu Malta ezenti mill-hlas tal-levies;

Illi kif jirrizulta mill-ittta annessa Dok. B datata 18 ta' Frar, 2000, id-Dipartiment tas-Sahha Pubblika iddecieda unilateralment illi il-labelling irid isir mill-manufacturer;

Illi din id-decizjoni amministrattiva hija ultra vires il-poteri tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika ghaliex dak id-dipartment m'huwiex awtorizzat johloq kundizzjonijiet godda ghall-importatur Ii m'humiex imposti fil-ligi;

Illi inoltre dik id-decizjoni hija b'abbuz ghaliex ittiehdet ghal ghanijiet mhux xierqa u hija imsejjsa fuq kundizzionijiet mhux rilevanti, principalment il-ghaliex billi il-kliem mixtieq m'huwiex qieghed jigi muri fuq iI-container malli jasal Malta, il-Kontrollur tad-Dwana huwa issa obbligat illi jimponi il-levy fuq l-imsemmija prodotti;

Illi ghalhekk id-decizjoni illi ii-labelling irid isir mill-manufacturer ghandha tigi dikjarata nulla u invalida u minghajr effett kif irid l-Art. 469 A tal-Kap. 12;

Illi ghalkemm interpellati permezz ta' protest gudizzjarju presentat fid-29 ta' Marzu 2000, kopja legali annessa u mmarkatta Dok. C, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi kawza ta' dik id-decizjoni, is-socjeta' attrici sofriet, qed issofri u ghad tista' issofri danni, minn dakinhar li ttiehed id-decizjoni sa dakinhar li tigi rimossa u l-prodotti importati esenti mill-levy, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Talbet li l-konvenuti, jew min minnhom, jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi d-decizjoni tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika illi il-labelling necessarju ghal prodotti dietetici irid isir mill-manufacturer, hija decizjoni ultra vires il-poteri ta' l-istess Dipartment;
2. Subordinatament, u minghajr pregudizzju, tiddikjara illi dik id-decizjoni ttiehdet ghal ghanijjet mhux xierqa u hija imsejjsa fuq kundizzjonijiet mhux rilevanti; u konsegwentement
3. Tiddikjara dik d-decizjoni nulla, invalida u minghajr effett kif irid l-Art. 469 A tal-Kap. 12, u b'hekk thassarha u tirrevokaha;
4. Thassar u tirrevoka kull ordni ohra naxxenti minn dik id-decizjoni, inkluz dik li jinzamm il-levy mal-importazzjoni tal-prodotti susesposti;
5. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici, kawza id-decizjoni hekk imhassra;
6. Tillikwida d-danni hekk sofferti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
7. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, li in forza taghha huma eccepew :

Illi preliminarjament il-persuna illi ghandha r-rapprezentanza guridika tad-Dipartiment tas-Sahha huwa t-Tabib Principali tal-Gvern u mhux id-Direttur tas-Sahha Pubblika.

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzji ghas-suespost l-Avukat tar-Repubbblika ghad ma hux notifikat bl-istess citazzjoni u dan bi ksur tal-provvediment ta' l-Artikolu 181A tal-Kap 12.

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni adoperata mid-Dipartiment tas-Sahha kienet u ghadha in linea mal-provvedimenti ta' l-Avviz Legali 65 ta' 1-1992 u hija ghal kollox intra vires.

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-imgieba tal-kontrollur tad-Dwana meta impona "levy" fuq il-prodott in kwistjoni hi ghal kollox skond il-ligi.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat il-verbal taghha tat-2 ta’ Ottubru 2001 li permezz tieghu Dr Marvic Sciberras Abdilla ghall-konvenuti Kontrollur tad-Dwana u Direttur tas-Sahha Pubblika tat ruhha b’notifikata ghall-Avukat Generali bic-citazzjoni u l-avviz tas-smigh tal-kawza;

Rat ukoll id-digriet taghha tat-2 ta’ Ottubru 2001 li permezz tieghu laqghet it-talba tal-avukat difensur tas-socjeta’ attrci u awtorizzat il-kjamata fil-kawza tat-Tabib Principali tal-Gvern bhala rapprezentant guridiku tad-Dipartiment tas-Sahha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza it-Tabib Principali tal-Gvern, li in forza taghha huwa eccepixxa :

Illi preliminarjament stante Ii r-rapprezentanza guridikata tad-Dipartiment tas-Sahha hija fdata f'idejn il-konvenut Tabib Principali tal-Gvern ai termini ta' l-Ordinanza dwar l-Organizazzjoni tad-Dipartiment tas-Sahha (Kap 94), l-attur kellu jitlob korrezzjoni fl-okkju bis-sahha ta' l-Artikolu 175 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, u mhux chiamata in causa.

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzji ghas-suespost l-Avukat tar-Repubbblika ghad ma hux notifikat bl-istess citazzjoni u dan bi ksur tal-provvediment ta' l-Artikolu 181 A tal-Kap 12.

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni adoperata mid-Dipartiment tas-Sahha kienet u ghadha in linea mal-provvedimenti ta' l-Avviz Legali 65 ta' l-1992 u hija ghal kollox intra vires.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-kjamat in kawza it-Tabib Principali tal-Gvern;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ix-xhieda ta' David Caruana Dingli, impjegat mas-socjeta' attrici, illi qal illi xogholu kien jikkonsisti f'li jiehu hsieb ix-xiri u t-trasport ta' merkanzija imporata. Ghalhekk huwa kien il-persuna inkarigata fis-socjeta' attrici li kien jiehu hsieb dak kollu li ghandu x'jaqsam mad-Dwana u kien ikollu x'jaqsam hafna mal-Port Health Office. Huwa xehed illi l-prodott Danone Vitasnella jikkonsisti f'yogurt addattat ghad-dijabetici u f"Malta, kull fejn kienet tigi applikata levy fuq l-importazzjoni ta' prodotti ta' l-ikel, il-Ligi kienet taghti ezenzjoni meta l-ikel importat huwa addattat ghad-dijabetici. Ix-xhud kompla jghid illi l-Port Health Office giet mitluba mis-socjeta' attrici sabiex

tivverifika jekk il-prodott kienx suitable for diabetics. Il-Port Health Office ghamlu it-testijiet taghhom u wiegbuhom permezz ta' ittra datata 28 ta' Mejju 1998 li minnha jirrizulta "this product conforms with our regulations as a product suitable for diabetics." Izda il-PHO kien zied illi l-label ghandu jizdiedilha l-kliem "contains Aspartame. Best eat less than 25 grams Aspartame a day. May not be used by overweight diabetics, others are advised to consult their doctor/dietician prior to use. "Ix-xhud qal illi dan il-kliem ma kienx jigi imnizzel direttament mill-manufacturer fuq il-label u hu kien ftiehem ma tad-Dwana u mal-Port Health Office illi dan il-kliem jigi mizjud mis-socjeta' attrici meta l-prodott jasal Malta. Kien ftiehem ma tad-Dwana ma certu Mario Gatt u mal-Port Health Office kien ftiehem ma certu Mario Cassar. B'hekk ix-xoghol kien jasal f'Malta, il-container kien jinfetah fil-mahzen tas-socjeta' attrici akkompanjat mill-fizjali tad-Dwana u zewg impjegati tas-socjeta' attrici kienu iwahhlu il-labels fuq ix-xoghol. Umbaghad il-prodott kien jigi rilaxxjat bil-hrug tar-'release order' tad-Dwana. Dan il-metodu dam jigi segwit minn Mejju 1998 sa Jannar tas-sena 2000. Ix-xhud kompla jghid illi wara madwar sena u nofs minn meta s-socjeta' attrici dahlet dawn il-prodotti f'Malta u giet ezentata milli thallas il-levy minn l-ittra datata 18 ta' Frar 2000 illi id-Direttur tas-Sahha Pubblika talab lill-konsulent tad-dipartiment sabiex jirtira l-parir tieghu fis-sens illi l-labelling setgha isir Malta. Id-Direttur tas-Sahha Pubblika baqa jinsisti li skond il-Ligi il-prodott irid ikun labelled mill-'manufacturer'. Fi kliem iehor, id-Direttur tas-Sahha Pubblika insista li marki mondjali iridu jkunu jottemperaw ruhhom mal-ligi Maltija u mhux li s-socjeta' attrici taggusta u tirrimedja kif tista skond il-kaz. Is-Sur Caruana Dingli kompla jixhed illi gie mitlub mis-socjeta' attrici sabiex jaghmel prospett tal-hlasijiet kollha maghmula ta' levy li giet imhallsa mis-socjeta' attrici under protest ghall-prodott in kwistjoni, u gie mitlub ukoll jaghmel paragun tal-bejgh bejn is-snin 1998, 1999 u 2000, cioe' sentejn minghajr levy u sena bil-levy. Huwa xehed illi l-margini ta' profitt naqas b'cirka 9 %.

Illi xehed Norman Aquilina, Company Director mas-socjeta’ attrici, illi ikkollabora ix-xhieda tas-Sur Caruana Dingli u zied jghid illi f’Jannar 2000 habta u sabta is-socjeta’ attrici giet infurmata mid-Dwana illi l-procedura li kienu qeghdin juzaw kellha tieqaf minnufih u dana peress illi d-Dwana kienu ircevew memorandum minghand il-Port Health Office illi kien qalilhom “please note that these products do not fall under any of the classifications listed in our legislation. Thus any claims that products in question are dietetic should be disregarded. Previous correspondence by this department regarding the same products should be discarded.”

Ikkunsidrat :

Illi xehed Mario Cassar u qal illi kienu gew ikkuntattjati mis-socjeta’ attrici fis-sena 1998 dwar il-prodott Danone Vitasnella u gew mistoqsija jekk kienx addatat ghad-dijabetici. Huma kienu baghtu l-prodott ghand il-konsulenti taghhom li qalulhom li kien suitable for diabetics bil-kundizzjoni li kellu jkun hemm additional labeling skond l-avviz legali 65 ta’ l-1992. Ix-xhud qal illi din it-talba li kienu ghamlu lill-konsulent taghhom kienet tirreferi ghall-importazzjoni illi kellhom fil-15 ta’ Mejju 1998. Ix-xhud qal illi wara illi taw din il-verifika lis-Sur Caruana Dingli huma kienu infurmaw ukoll lid-Dwana li l-prodott kien suitable for diabetics. Ix-xhud spjega dwar il-label illi kienet twahhlet mis-socjeta’ attrici, illi sussegwentement kienu kitbu lill-Kamra tal-Kummerc dwar reclassification tal-prodott u kienu avzaw b’dan lis-Sur Caruana Dingli. Huwa kompla jispjega illi id-Dipartiment biddel il-policy peress illi kull haga li kellha tigi mizjuda fuq il-labell kellha titnizzel mill-manufacturer u mhux mis-socjeta’ li timporta il-prodott f’Malta.

Illi xehed ukoll David Fenech, Releasing Officer mad-Dipartiment tad-Dwana, u qal illi dwar il-konsenja tal-prodotti Danone Vitasnella, kellhom struzzjonijiet mid-Dipartiment tas-Sahha sabiex ma jirrilaxxjawx il-konsenja qabel ma jsir labeling minn naha tal-importatur, u effettivament l-imporatur kien qieghed iwahhal label mal-prodott. Is-Sur Fenech kompla jghid illi din il-procedura

damet ghaddejja madwar sena umbaghad l-importatur ma baqghax jaghmel dan il-labelling u iddecieda li jhallas il-levy taht protest.

Illi xehed Albert Caruana, Assistent Direttur mad-Dipartiment tad-Dwana, u qal illi f'dan il-kaz kien involut il-Port Health Office. Huwa xehed illi l-Port Health Department kien infurmahom illi kellu jkun hemm indikat fuq il-prodott Danone Vitasnella li dana il-prodott kien tajjeb ghall-konsum tad-dijabetici u dana peress illi ma kienx hemm din l-indikazzjoni fuq il-prodott. Ix-xhud ikkonferma li f'Jannar tas-sena 2000 kienu ircevew komunikazzjoni minghad il-Port Health Department illi certi prodotti ta' Danone Vitasnella ma kienux ghandhom ezentati mill-hlas tal-levy peress li ma kienux ghandhom ikkunsidrati bhala tajbin ghall-konsum mid-dijabetici.

Illi xehed is-Sur John Attard Kingswell, Manager Health Inspector, u qal illi is-socjeta' attrici kienet timporta il-prodott Danone Vitasnella u fit-28 ta' Mejju 1998, ghal kampjun li gie sottomess mis-socjeta' attrici lil Port Health Services fit-13 ta' Mejju 1998, kien inhareg rapport fis-sens li dan il-prodott kien ikun skond ir-Regolamenti ezistenti dwar il-labelling ta' l-ikel li kieku kellu il-kliem contains Aspartame. Best eat less than 25 grammes of Aspartame a day and may not be used by overweight diabetics, others are advised to consult their doctor/dietician prior to use". Huwa xehed illi minn naha tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika ma kien hemm l-ebda istruzzjoni lis-socjeta' attrici sabiex twahhal labels godda , jew li tibdilhom. Huwa xehed illi s-socjeta' attrici inghatat biss l-opportunita li twahhal labels sabiex tissana l-posizzjoni taghha u dan qabel ma il-prodott jitpogga fuq is-suq lokali. Huwa xehed illi din kienet opportunita u mhux ordni jew struzzjoni. Huwa zied illi din l-opportunita inghatat biss fil-komunikazzjoni tat-28 ta' Mejju, liema komunikazzjoni kienet tirreferi limitatament ghal konsenja importata fit-12 ta' Mejju 1998 u xehed illi is-socjeta' attrici ghogobha tuza din il-koncessjoni ghall-importazzjonijiet tal-prodott effettwati wara it-12 ta' Mejju 1998. Ix-xhud qal illi fil-25 ta' Mejju, 1998 id-Dwana, permezz tas-Sur Nicholas Tonna, kitbtu lid-Dipartiment sabiex jinghataw ir-

rizultat tal-analisi tal-prodott, cioe' tal-konsenja importata fit-12 ta' Mejju, 1998. Fl-1 ta' Gunju 1998 inghata risposta fejn tad-Dwana gew infurmati bir-rizultat u l-parir tad-djetologu u s-socjeta attrici kienet ukoll infurmata b'dan ir-rizultat. John Attard Kingswell kompla jghid illi fit-23 ta' Gunju 1998 Mario Gatt, head tal-Landing and Warehousing fid-Dipartiment tad-Dwana ipprezenta kampjun tad-Danone Vitasnella u talab lill-Port Health sabiex jivverifika jekk dan il-prodott kienx prodott dijabetiku u fit-30 ta' Gunju, 1998, Mario Cassar, Spettur tas-Sahha Principali fil-Port Health kiteb lis-Sur Gatt u irreferih ghal korrispondenza imsemmija precedentement. Huwa xehed illi d-Dipartiment tas-Sahha dejjem insista lill-prodott ghandu jigi rilaxxat fis-suq lokali konformi mar-regolamenti, jigifieri qabel ir-rilaxx mid-Dwana. Is-socjeta' attrici oggezzjonat permezz ta' ittra mibghuta lill-Malta Chamber of Commerce fis-16 ta' Novembru 1998 u il-Kamra tal-Kummerc infurmat b'dan lill-Port Health. Fl-1 ta' Dicembru 1998 il-Kamra tal-Kummerc giet mgharrfa li jekk is-socjeta' attrici kellha xi diffikulta setghat tikuntattja lill-Port Health u tikseb kjarifika. Ix-xhud kompla jghid illi fis-27 ta' Awissu 1999, Mario Cassar mill-Port Health kiteb lill-Kamra tal-Kummerc u infurmahom illi wara analizi, gie deciz illi huwa l-manifattur tal-prodotti li ghandu jikklassifika u jaghti il-label korretta fuq il-prodott u mhux l-importatur illi jaqbad u jaghmel label fuq prodott fis-sens li dan huwa tajjeb ghal klassi specifika ta' nies, jekk min immanifattura il-prodott ma ghamilx tali asserzjoni, u dana ibbazat fuq il-fatt illi min immanifattura jkun jaf x'fih il-prodott. Ghalhekk fis-27 ta' Settembru 1999 il-Kamra tal-Kummerc kitbet li ma kienitx taqbel ma din il-posizzjoni u fl-1 ta' Novembru 1999 id-Dipartiment ikkonferma il-posizjoni tieghu. Ix-xhud xehed illi fit-2 ta' Novembru 1999, is-socjeta' attrici kitbet lid-Dipartiment, peress li d-Dipartiment kien iddikjara illi l-ahhar konsenja ta' Danone Vita Snella, skond id-Dipartiment tas-Sahha, ma kellux ikun ikkunsidrat bhala "suitable for diabetics" u dan skond il-policy imhaddem mid-Dipartiment u notifikata lill-Kamra tal-Kummerc f'Awissu 1999. Ix-xhud qal illi it-twahhil ta' labels kien qieghed isir fil-prezenza ta' Ufficjali ta' Dwana u ir-rilaxx tal-prodott kien qieghed isir mid-Dwana abbazi tal-posizzjoni li ha id-Dipartiment tas-Sahha. Id-Dwana

ma baqghetx tawtorizza ir-rilaxx tal-prodotti li jkunu imorru kontra l-parir mahrug mid-Dipartiment tas-Sahha. Fil-25 ta' Jannar 2000, is-socjeta' attrici giet ukoll infurmata illi d-Dipartiment tas-Sahha kien biddel il-policy u giet infurmata b'mod car illi kienet il-mansjoni tad-Dwana illi jirrilaxxjaw il-prodotti a bazi tar-rakkommandazzjoni tad-Dipartiment tas-Sahha u ir-rakkommandazzjoni kienet fis-sens illi kellu jkun il-manifattur li jiddikjara fil-label jekk prodott kienx "suitable for diabetics" jew le. Ix-xhud qal illi id-Dipartiment tas-Sahha johrog rakkommandazzjonijiet lid-Dwana, izda d-decizjoni rigward rilaxx dejjem tispetta lil tad-Dwana u mhux lid-Dipartiment tas-Sahha. Ix-xhud irrefera umbaghad ghall-affidavit pprezentat mis-socjeta' attrici u ghar-referenza ghal ezenzjoni minn hlas ta' levies minnhom issollevata u iccara illi fil-fehma tad-Dipartiment tas-Sahha ir-responsabbilta ta' l-ingredjenti u l-effetti taghhom fuq il-konsumatur tinkombi fuq il-manifattur tal-prodott. Fil-kaz tad-Danone Vitasnella, il-manifattur imkien ma indika fuq il-label illi l-prodott kien maghmul specifikatament ghal diabetici. Gia la darba il-manifattur naqas li jaghmel hekk l-importatur ma setghax jippretendi li iwahhal label u jaghmel dak li ma ghamilx il-manifattur. Ix-xhud qal ukol ili l-mansjoni tad-Dipartiment tas-Sahha huwa li jhares is-sahha pubblika, u jekk bil-mizuri li jiehu l-importatur jkollu ihallas xi levies l-impurtatur ma jistax jippretendi li dawn il-levies jaghmel tajjeb ghalihom id-Dipartiment tas-Sahha. Huwa ippreciza illi l-unika sample illi intbaghtet ta' dan il-prodott lid-Dipartiment tas-Sahha kien fit-12 ta' Mejju 1998 u dan kien sample minn konsenja wahda tal-prodott Danone Vitasnella. Ix-xhud ippreciza li hemm diversi prodotti li jistghu jigu ikkunsmati mid-djabetici izda li ma jkunux maghmulin specifikatament ghalihom. Il-label "suitable for diabetics" li ghandha titwahhal unikament mill-manifattur minnha nnifsha iggorr il-piz tar-responsabilta, liema responsabbilta ma jistax jgorrha l-importatur peress illi ma kienx hu li immanifattura dak il-prodott.

Ikkunsidrat :

Illi in kontro-ezami John Attard Kingswell xehed illi huma kienu infurmaw lis-socjeta' attrici illi l-prodotti Danone

Vitasnella tajbin ghall-dijabetici permezz ta' ittra datata 28 ta' Mejju 1998, wara li saret analizi tal-prodott b'konsultazzjoni mal-konsulent tad-Dipartiment fuq prodotti dijabetici, ghaliex ovvjament il-prodott ma giex analizzat fis-sens li ittiehed kampjun f'laboratorju, izda fuq l-ingredjenti li kienu imnizzla u bhala "nutritional information". Huwa xehed illi dak iz-zmien il-procedura kienet illi l-Port Health kellu konsultant tieghu, li kien fil-fatt id-dietician ta' l-isptar u dan ra il-prodott innifsu, l-ingredjenti u n-nutritional information imnizzla fuq dak il-prodott. Dan kien il-kriterju uzat biex jigi deciz jekk il-prodott kienx addattat ghad-dijabetici jew le. Ghalhekk dak iz-zmien ma sarx analizi tal-prodott f'laboratorju. Ix-xhud ikkonferma illi sussegwentement tbiddlet il-policy u huma infurmaw lis-socjeta' attrici b'dan it-tibdil fil-25 ta' Jannar 2000. Meta x-xhud gie mistoqsi jekk meta infurmaw lis-socjeta' attrici b'dan kollu kienx l-istess prodott bl-istess label, ix-xhud qal illi dan ma jistax jghidu ghaliex il-kampjun inghata biss sentejn qabel din id-data, izda ikkonferma illi huma qatt ma regghu talbu kampjun iehor tal-prodott lis-socjeta' attrici. Ix-xhud in kontro-ezami xehed illi fl-2000 ma giex deciz illi l-prodott ma kienx ghadu tajjeb ghad-dijabetici, izda inbiddlet il-policy wara parir legali u minn ezami ta' l-avviz legali 65 ta' 1992 ghal dak li jirrigwarda labelling regulations kien jidher li jekk il-prodott kien addattat ghad-dijabetici ried ikun maghmul u intenzjonat specifikatament ghad-dijabetici, u dana peress illi hawn hafna ikel tajjeb ghad-dijabetici, izda mhumiex maghmul appozitament ghalihom. Ghalhekk fl-2000 gie deciz li jekk il-prodott ikun intenzjonat ghad-dijabetici dan kellu jitnizzel mill-manifattur fuq il-label tal-prodott u ma kellux ikun l-importatur illi jaghmel label f'dan is-sens. Is-Sur Attard Kingswell kompla jixhed in kontro-ezami illi ma setghax jghid jekk l-ingredjenti tal-prodott kienux imbiddlu jew le fil-frattemp peress illi l-kampjun illi inghataw kien jirrisali ghal sentejn qabel, izda fil-verita hekk kellu isir, kull darba li jigi importat il-prodott ried jigi ezaminat il-kampjun u ried jigi analizzat b'tali mod, u kien hemm diversi talbiet f'dan is-sens u kien ghalhekk li d-Dipartiment iddecieda li ma jidholx responsabbli ghal dawn il-prodotti. Kien hemm ukoll kumitati ohrajn, per ezempju tal-labelling, li kien jiddeciedi x'tip ta' labeling

ghandu jkun hemm u hemmhekk ukoll id-Dipartiment kien ha l-azzjoni li ma ghandux jidhol responsabbli ghall-prodotti li ma jkunx immanifattura hu.  Mistoqsi jekk saritlux pressjoni min xi hadd sabiex tigi imposta levy fuq is-socjeta’ attrici, sabiex ikunu jistghu jikkompetu maghhom fuq is-suq lokali id-ditta Benna bil-yogurts light taghhom, ix-xhud cahad illi saritlu xi pressjoni min xi hadd f’dan is-sens, izda ikkonferma illi l-Benna kienu ilmentaw maghhom bil-miktub dwar il-prodotti tad-Danone Vitasnella, izda xehed illi l-complaint kienet fuq il-kwistjoni tal-levy u huma ma jidhlux f’din il-kwistjoni ghaliex hija kwistjoni li jidhol fiha biss id-Dipartiment tad-Dwana.  Ix-xhud ikkonferma wkoll illi huma ma kienux jitolbu lill-importatur sabiex igib kampjun tal-prodott, izda l-importatur kien jaghmel hekk b’inizjattiva tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi Norman Aquilina ghas-socjeta’ attrici xehed in kontro-ezami illi s-socjeta’ attrici qeghda tippretendi hlas kemm tal-levy illi hallset, kif ukoll ghan-nuqqas ta’ profitt.  Huwa xehed illi peress illi l-levy spiccat fl-1 ta’ Mejju 2004 is-socjeta’ attrici tippretendi l-ammont ta’ levy illi hallset sa dak iz-zmien, jigifieri sal-1 ta’ Mejju 2004.  Huwa xehed illi anke fir-rigward ta’ telf ta’ profitt is-socjeta’ attrici qeghda titlob l-ammont li tilfet bhala profitt sa dik id-data, jigifieri sal-1 ta’ Mejju 2004.

Illi meta x-xhud Norman Aquilina gie mistoqsi in kontro-ezami kif is-socjeta’ attrici setghet tippretendi li tithallas ghall-loss of profit  meta skond hi il-loss of profit kien ghaliex kienet qeghda thallas il-levy, kienet qeghda tassorbi l-ammont tal-levy hi u mhux tghaddiha lill-konsumatur, u ghalhekk una volta qeghda titlob il-hlas lura tal-levy, kif setghet tippretendi hlas ukoll ghal loss of profit, ix-xhud ma setghax iwiegeb id-domanda f’dak il-mument.

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza li titratta stharrig ta' ghemil amministrattiv ai termini ta l-artikolu 469A tal-Kap 12.

Illi s-socjeta' attrici qeghda tallega li kien hemm bidla fil-pozizzjoni tal-konvenuti fir-rigward tal-mod kif jittrattaw prodott li hi kienet timporta u cioe Yughurt Danone Vitasnella billi qabel l-2000 ma kienitx thallas levy fuq dan il-prodott u sussegwetement kellha thallas levy.

Illi ghalhek is-socjeta attrici qieghda titlob rifuzjoni tal-istess levy u danni ghall allegata bidla.

Ikkunsidrat :
Illi fl-ewwel lok il-Qorti ser titratta il-preskrizzjoni ta' sitt xhur fl-Artikolu 469A.

Illi huwa minnu illi 469A huwa **perjodu ta' dekadenza ma jistghax jigi interrott**:

Dan huwa principju stabilit u fondamentali ghal principju ta' dekadenza:

*Perjodu ta' dekadenza mhux soggett ghar-regoli ta' sospensjoni jew ta' interruzjoni; dak it-terminu mhux prorogabbli* (**Vella Joseph noe vs Migneco Anthony PA per Mallia T. 9/6/05).**

*Huwa principju stabilit li jekk it-terminu huwa wiehed ta' dekadenza "b'mod li jekk l-azzjoni ma tigi esperita fi zmien ordnat mill-ligi l-istess tigi perenta* (**Carmelo Buttigieg vs Eucharist Zammit et noe Appell 7/10/1997 u r-rassenja ta' gurisprudenz fiha kontemplata).**

"*Fid-dekadenza, invece, d-dekors taz-zmien utili ghall-ezercizzju tad-dritt tkun il-haga principali u haga sekondarja tkun in-nuqqas ta' ezercizzju f'sensoggettiv, jigifier l-fatt li ma jkunx gie ezercitat, li tkun purament il-mezz li bih jigi l-effett tat-telfa tad-dritt.* **(vide Paola Koludrovich vs Carmelo Muscat Appell per Prim Imh Mamo 1/6/1959) .**

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 469A tal-Kap 12 jghid car u tond li s-sitt xhur jibdew minn meta l-attur sar jaf jew seta jsir jaf bl-ghemil amministrattiv li minnu jilmenta.

Illi fil-kaz odjern il-kawza nbdiet fis- 17 ta' Mejju 2000.

Illi is-socjeta' attrici kienet infurmata mill-Kamra tal-Kummerc bl-allegat tibdil, kif jirrizulta mix-xiehda ta John Attard Kingswell. L-attrici kienet taf bl-allegata bidla mit-2 ta' Novembru 1999 – TA L-INQAS- id-data tal-ittra li l-attrici baghtet lid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika biex tipprotesta ghal tali allegat tibdil fil-pozizzjoni. Illi ic-citazzjoni giet ipprzentata fis- 26 ta' April 2000 u ghalhekk l-azzjoni mhijiex perenta.

Illi l-Kamra tal-kummerc giet infurmata 27 ta' Awissu 1999 u fis-27 ta' Settembru 1999 il-Kamra kitbet li ma taqbilx mal-pozizjoni mehuda u fl-1 ta' Novembru 1999 id-Dipartiment ikkonferma il-pozizzjoni tieghu.

Illi l-Qorti issa ser tikkunsidra jekk it-tibdil fil-pozizzjoni da parti tal-konvenut Direttur tas-Sahha Pubblika kienx "ultra vires" il-poteri tieghu.

Illi dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Inferjuri datata 28 ta' Ottubru, 2002 Appell Civili Numru. 15/2001/1RCP Manwel Vella vs L-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp fejn il-Qorti ezaminat

***"L-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal- Ligijiet ta' Malta,*** *w in partikolari w in konsistenza mal-mertu tal-appell odjern, dan jirreferi wkoll ghall-kuncett ta'*

*"meta eghmil amminstrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni"*
*imsemmija fl-**artikolu 469A (1) (b) tal-Kap 12".***

*"Illi fil-kamp ta' l-istharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, li jaqa' taht l-istitut ta' ligi amministrattiva, l-kompetenza originali tispetta lill-Qrati Ordinarji, u l-kuncett ta' ultra vires, anke kif definit fl-artikolu fuq*

*citat,**huwa ferm iktar wiesgha minn applikazzjoni hazina jew non applikazzjoni ta' ligi, tant li jista' jikkomprendi, per ezempju, abbuz ta' setgha ta' awtorita' pubblika, li fih innifsu ma jimportax ksur ad hoc jew per se ta' disposizzjoni ta' ligi 'ut sic**".*

"Ebda Qorti f'Malta ma ghandha gurisdizzjoni li tistharreg il-validita' ta' xi ghemil jew haga ohra li tkun saret mill-Gvern jew minn xi awtorita' imwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew minn xi persuna li jkollha kariga pubblika fl-ezercizzju tal-funzjonijiet pubblici taghhom jew li tiddikjara xi ghemil jew haga bhal haga bhal dawk nulli jew invalidi jew minghajr effett, hlief u sakemm:

(a) dak l-ghemil jew haga ma tkunx "ultra vires"; jew

(b) dak l-ghemil jew haga ma tkunx b'mod car bi ksur ta' disposizzjoni esplicita ta' ligi miktuba; jew

(c) il-forma jew il-procedura xierqa ma tkunx giet segwita f'haga importanti u dan in-nuqqas ikun wassal ghal pregudizzju sostanzjali.

Izda ghemil jew haga li tkun fil-limitu tas-setghet generali jew specjali ta' persuna jew awtorita' m'ghandhiex titqies li hi "ultra vires" kemm-il darba l-ghemil jew il-haga ma tkunx b'mod car u esplicitu projbita jew eskluza b'ligi miktuba".

Illi ghalhekk sabiex tistharreg jekk l-ghemil amministrattiv kienx ultra vires il-Qorti trid tara jekk il-Ligi gietx applikata b'mod hazin, jekk kienx hemm xi abbuz ta' poter li fih minnu innifsu ma jiksirx il-Ligi izda il-forma jew il-procedura xierqa ma gietx segwita, u illi dan in-nuqqas wassal ghall-pregudizzju sostanzjali da parti tas-socjeta' attrici.

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Marzu 2001 fil-kawza fl-ismijiet Nazzareno Fenech vs Chairman ghan-nom ta' l-Awtorita dwar it-Transport Pubbliku inghad

illi l-awtorità ghandha s-setgha li tfassal policy mehtiega biex jintlahaq il-ghan li jkun hemm sistema ta’ trasport pubbliku integrat sew, minghajr perikolu, ekonomiku u efficjenti, johrog mil-ligi li waqqfitha; izda, safejn il-policy tolqot drittijiet ta’ terzi, bhal fil-hrug ta’ licenzji, ghandha ssir bil-mezz li tipprovdi l-ligi stess fl-Artikolu 27, li jaghti lill-attrici, bil-kunsens tal-Ministru, is-setgha li taghmel regolamenti.

B’hekk il-kriterji ghall-hrug tal-licenzji ikunu mhux biss ikunu maghrufa minn kulhadd izda il-bazi tad-decizjonijiet trid tkun wahda oggettiva, u trid tkun l-istess ghal kulhadd.

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi fil-kaz odjern il-kriterji kienu maghrufa minn kullhadd  u kienu japplikaw l-istess ghall-kulhadd. Id-decizjoni illi ittiehdet ma ittiehditx fuq bazi ta' policy mhux specifikata u imfissra kif trid il-Ligi peress illi l-Avviz Legali 65 ta' 1992 jipprovdi dawn il-kriterji fl-Artikolu 11 u 13 tieghu.

Illi l-Qorti f’dan ir-rigward rat sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Charles sive Carmelo Ellul Sullivan bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ CSMR (1994) Limited vs Kontrollur tad-Dwana tal-31 ta’ Jannar, 2001 fejn il-Qorti qalet hekk :

“Dwar il-kwistjoni jekk il-Kontrollur imponiex minimu u kellux l-awtorita’ li jaghmel hekk il-Qorti hi tal-fehma li l-Kontrollur huwa moghti l-fakolta’ mhux biss li jikklassifika l-prodotti imma wkoll l-fakolta li jaghmel valutazzjonijiet ta’ fatt u ta’ dritt.  Dan jinkludi li meta l-Kontrollur jigi biex jikklassifika irid jara jekk dak il-prodott ghandux il-karattru ta’ prodott. Il-Kontrollur ghandu l-poter li japplika t-tariffa ghall-kazijiet specifici u dana jinkludi l-poter li jaghmel accertamenti teknici dwar jekk il-prodotti ghandhomx il-kwalitajiet rikjesti fil-paragrafi tat-tariffa jew le.”

Fil-kaz in ezami l-Qorti ghandha tezamina l-accertamenti teknici maghmula mill-konvenut u tannulahom biss jekk jirrizultalha li dawn kienu manifestament zbaljati u cioe li l-

ebda awtorita' amministrattiva ragjonevoli ma setghet tasal ghal dak l-accertament. Inkella l-Qorti tkun qed tusupera l-funzjoni tal-awtorita' amministrattiva u ma tkunx semplicement qed taghmel stharrig gudizzjarju.

Il-Qorti trid tara xi iwassal sabiex ghemil amministrattiv jigi ikklassifikat bhala ghemil skorrett.

Illi gie stabbilit illi decizjonijiet ta' awtorità pubblika huma irragjonevoli "if they are manifestly unjust; if they disclosed bad faith; if they could find no justification in the minds of reasonable men" u dan kif qal H.W.R. Wade fil-ktieb tieghu Adiministrative Law**.**

"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."

Illi fil-kaz Associated Provincial Picture Houses v. Wednesbury Corporation [1948] 1 KB 223, Lord Greene kien osserva *the bounds of legal reasonableness* f'decizjoni ta' awtorità pubblika fejn ma kienx gie osservat jekk id-decizjoni in ezami tkunx :

"so absurd that no sensible man could ever dream that it lay within the powers of the authority."

Illi Lord Diplock fil-kaz Council of Civil Service Unions v. Minister for the Civil Service [1985] AC 374 qal li decizjoni amministrattiva tkun:

"beyond the bounds of legal reasonableness" jekk tkun "so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it." (Vide HWR Wade – Administrative Law pagni 397, 398 u 407. Vide ukoll Denise Buttigieg vs Rettur ta' l-

Università ta' Malta et sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Dicembru 2003).

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-"legitimate expectations" il-Qorti ta' l-Appell fil-procediment Philomena Ellul vs Charles Ellul proprio et nomine deciz fil-31 ta' Jannar 2003 osservat li fl-applikazzjoni ta' dan il-provvediment:

"Ispirata fuq principji ta' ekwita' aktar milli minn drittijiet strettament legali – il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-aspettativi legittimi ('legitimate expectations') li r-rikorrent jista' jkollu u li sikwiet ikunu ferm aktar wiesgha mid-drittijiet strettament legali li johorgu mill-istatut tas-socjeta. Dawn l-aspettativi legittimi jitwieldu minn xi relazzjonijiet personali partikolari bejn l-azzjonisti".

Illi f'kaz bhal dan irid jinholoq bilanc bejn l-aspettativi legittimi ikkrejati minn awtorita pubblika u l-interess pubbliku li ma tigix imfixxkla id-diskrezzjoni tal-Awtorita Pubblika illi trid tigi uzata dejjem u fl-interess pubbliku.

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta attrici tikkontendi illi l-awtorita pubblika tfixxklet bejn prodott klassifikat bhala "diabetic" u prodott klassifikat bhala adegwat ghad-dijabetici.

Illi l-Qorti tara illi ghal dak illi jirrigwarda l-yogurt Danone Vitasnella kienu japplikaw kemm ir-Regolament 11, kif ukoll ir-Regolament 13 ta' l-Avviz Legali 65 tan-1992. Ir-Regolament 11 jolqot il-prodotti kollha "labelled" fost l-ohrajn "suitable for". Il-prodott Vitasnella zdiedulu l-kliem "suitable for" mill-importatur u ghalhekk kellu ukoll jissodisfa il-kriterji stabbiliti taht ir-Regolament 11. Minbarra hekk ir-Regolament 13 jolqot il-prodotti immarkati bhala tajbin ghad-dijabetici u din iz-zieda fuq imsemmija fuq il-prodott tat l-impressjoni illi l-prodott huwa tajjeb ghad-dijabetici.

Illi kif diga inghad, il-policy inbidlet f"Jannar tas-sena 2000, meta id-direzzjoni giet rikunsidrata. Wara li saret konsultazzjoni u wara illi ir-Regolament gie moqri b'mod

akkurat, gie deciz illi l-koncessjoni illi kienet inghatat kellha tigi irtirata.

Illi l-Qorti taqbel mal-konvenuti fis-sens illi il-kontenut tal-prodott huwa maghruf biss mill-manifatur tal-prodott u ghalhekk huwa il-manifattur illi irid jerfa ir-responsabbilita tal-informazzjoni moghtija fuq it-tikketta ghaliex huwa biss jaf x’tefgha fil-prodott u mhux l-importatur.

Illi fl-ahhar mill-ahhar l-interess suprem ghandu jkun il-konsumatur u specifikament f’dan il-kaz, sahhet il-konsumatur.

Illi d-Dipartiment tas-Sahha Pubbliku ghandu responsabbilita kbira f’dan ir-rigward u ghalhekk meta iddecieda illi kellu jibdel id-decizjoni tieghu precedenti ghamel dan fl-interess tas-sahha pubblika.

Illi mix-xhieda tas-Sur Attard Kingswell jirrizulta illi d-Dipartiment kien ta koncessjoni ta’ darba lis-socjeta’ attrici. Din kienet decizjoni amministrattiva illi setghet dejjem tigi riveduta u mibdula.

Illi is-Sur Attard Kingswell xehed illi il-koncessjoni kienet giet moghtija ghall-kunsinna partikolari, izda is-socjeta’ attrici baqghet tuzaha ghal numru ta’ xhur. Ix-xhud qal ukoll illi meta giet moghtija din il-koncessjoni il-prodott bl-ebda mod ma gie ezaminat f’xi laboratorju izda inqraw biss l-ingredjenti miktuba fuq l-istess prodott.

Illi David Caruana Dingli, xhud tas-socjeta’ attrici, in kontro-ezami ammetta illi huma riedu igibu ruling mill-Health Dipartiment li bazikament fl-ahhar tal-gurnata hu il-persuna li riedet tiddeciedi ghal x’hiex inhu addattat il-prodott, jekk hux ghad-dijabetici jew le (a fol. 175 tal-process).

Illi dan ix-xhud qal ukoll illi is-socjeta’ attrici xi gimgha jew gimghatejn qabel giet mgharrfa illi ir-ruling kien ser jinbidel (fol. 178 tal-process) u dan jixhed illi ma huwa minnu xejn illi is-socjeta’ attrici ma inghatatx pre-avviz illi kien ser ikun

hemm tibdil fid-decizjoni precedenti mehuda mill-Awtorita Pubblika.

Illi David Caruana Dingli xehed ukoll illi huma kienu ghamlu il-kuntatti taghhom mac-Chamber of Commerce f'dan ir-rigward. Kienu ghamlu ilment hemmhekk. Meta x-xhud gie mistoqsi jekk il-koncessjoni inghatatx ghall-konsenja partikolari tat-28 ta' Mejju 1998 jew f'dawk l-akwati, ix-xhud qal "Mela bazikament dawk iz-zminijiet kull min kien jimporta l-ikel jew prodotti kellu jimla din l-applikazzjoni ma kull customs entry. F'dan il-kaz il-Kontrollur tad-Dwana jkun jaf li din il-konsenja tkun giet rilaxxjata, jigifieri f'dan il-kaz ahna konna inmorru ghand il-Port Health, il-Port Health tghid "yes go ahead can be released, umbaghad inmorru id-Dwana." Mistoqsi jekk jaqbilx li dak kollu li kien hemm miktub fid-dokument kienx jirrferi ghal dik il-kunsinna partikolari ix-xhud wiegeb, "yes, yes this refers to this particular consignment" (fol. 179 tal-process). Ix-xhud qal ukoll illi id-dokument kien ghal dik il-konsenja u kien umbaghad isir il-labelling ghal kull konsenja sussegwenti. Kull gimgha kien jigi il-fizzjal tad-Dwana, tidhol il-konsenja, huma jillabelljaw kollox u l-importazzjoni kienet issir minghajr hlas ta' levy. Meta x-xhud rega gie mistoqsi jekk dik il-kundizzjoni kienitx tirreferi ghal dik l-importazzjoni, ix-xhud wiegeb "yes, yes" (fol. 180 tal-process).

Illi John Attard Kingswell xehed illi l-policy tbiddlet ghaliex wara parir legali gie deciz illi kellu jkun il-manifattur illi jaghmel it-tikketta fuq il-prodott. Huwa xehed illi l-Ligi tghid li ebda haga ta' l-ikel ma tista tigi labelled bhala tad-dieta jew addattata ghal dijabetici jew ghal xi kategorija ohra ta' nies u qal illi l-unika persuna li tkun taf x'fih il-prodott hija l-manifattur u mhux l-importatur. Huwa xehed illi hemm distinzjoni bejn l-ingredjenti tal-prodott u n-nutritional information u illi l-ingredjenti, jew il-kwalita tal-ingredjenti dejjem jistghu jinbiddlu. Huwa xehed illi huma ma jistghux jghidu jekk l-ingredjenti inbiddlux jew le, ghaliex il-kampjun li inghataw kien jirrisali ghal sentejn qabel.

Illi jirrizulta bl-aktar mod car illi il-konvenuti qatt ma ghamlu testijiet fil-laboratorju tal-prodott Yogurt Danone Vitasnella kif qeghda tallega is-socjeta' attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha.  Kull ma ghamlet kienet illi inghatat sample wiehed fl-1998 u ezaminat l-ingredjenti imnizzla fuq dan is-sample.

Illi gustament il-konvenuti ma setghux jerfghu ir-responsabbilta fuq l-informazzjoni moghtija fuq tikketti ta' prodotti u ezigew illi l-informazzjoni kollha ghandha tinghata mill-manifattur tal-prodott.

Illi irrizulta wkoll illi il-manifattur ta' dan il-prodott ma nizzilx illi l-prodott kien tajjeb ghad-dijabetici peress illi l-prodott kien tajjeb ukoll ghal nies illi ma kienux dijabetici u mhux ghad-dijabetici biss.

Illi irrizulta wkoll illi l-konvenuti qatt ma taw xi koncessjoni perpetwa lis-socjeta' attrici sabiex izzid informazzjoni fuq label tal-prodott sabiex b'hekk tevita illi thallas il-levy u ghalhekk is-socjeta' attrici ma tistax targumenta illi kellha legitimate expectation f'dan ir-rigward.

Illi l-Avviz Legali 65 tan-1992 jirreferi ghall-"manufacturing process" u ghall-"manufacturing pratice" u il-konvenut argumenta gustament illi kien ghalhekk illi huwa deherlu illi kellu jkun il-manifattur illi jaghti l-informazzjoni dwar il-prodott partikolari u mhux l-importatur.

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta illi meta l-konvenuti biddlu d-decizjoni taghhom, huma hadu biss in konsiderazzjoni l-interess pubbliku tas-sahha tal-konsumaturi u ma kienux ispirati, jew b'xi  mod influenzati minn konsiderazzjonijiet ekonomici dwar x'levy kellha tithallas mill-importatur.

Illi Alla hares ma kienx hekk ghaliex li kieku l-abbuz kien ikun qieghed jigi kommess mill-konvenuti li jhallu lilu infushom jigu affettwati minn konsiderazzjonijiet ekonomici u mhux minn konsiderazzjonijiet illi jittutelaw u jissalvagwardjaw is-sahha pubblika tal-konsumatur.

Illi l-Qorti tara illi l-konvenuti imxew mar-Regolament 11 u 13 tal-Avviz Legali 65 tan-1992 u l-ebda decizjoni illi ittiehdet mill-konvenuti ma tista tinghad illi hi ‘ultra vires’.

Illi wkoll kif diga gie spjegat mill-Qorti lanqas ma jirrizulta illi il-konvenuti holqu xi “legitimate expectations” lis-socjeta’ attrici. Il-koncessjoni kienet ghall-importazzjoni wahda biss u din il-koncessjoni setghet dejjem tigi mibdula fl-interess pubbliku, bhal ma gara fil-kaz odjern fejn id-decizjoni giet riveduta fl-interess tas-sahha pubblika.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi l-azzjoni certament ma kienitx wahda ‘ultra vires’ u ghalhekk il-konvenuti ma ghandhom ihallsu jew jaghtu l-ebda danni lis-socjeta’ attrici.

Ikkunsidrat :

Illi rigward l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti fis-sens illi il-persuna illi ghandha r-rapprezentanza guridika tad-Dipartiment tas-Sahha huwa t-Tabib Principali tal-Gvern u mhux id-Direttur tas-Sahha Pubblika u fir-rigward tal-eccezzjoni tal-kjamat in kawza Tabib Principali tal-Gvern fis-sens illi ir-rapprezentanza guridika tad-Dipartiment tas-Sahha hija fdata f’idejh u l-attur kellu jitlob korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u mhux kjamata in kawza, il-Qorti rat illi una volta gie kjamat in kawza it-Tabib Principali tal-Gvern ma kienx hemm ghalfejn issir korrezzjoni fl-okkju u dana peress illi l-kjamat in kawza huwa ikkunsidrat fil-gurisprudenza taghna bhala il-konvenut. (Vide sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Edward Sullivan et noe vs Emanuel Cachia et noe tal-21 ta’ Frar, 1999). Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tirrispingi dawn l-eccezzjonijiet preliminari imsemmija.

Illi ghal dak illi jirrigwarda it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u it-tieni eccezzjoni tal-kjamat in kawza it-Tabib Principali tal-Gvern fis-sens illi preliminarjament u minghajr pregudizzju l-Avukat tar-Repubblika ghad ma hux notifikat bic-citazzjoni u dan bi ksur tal-provvediment ta' l-Artikolu 181A tal-Kap 12, il-Qorti rat il-verbal taghha tat-2 ta’

Ottubru 2001 fejn Dr Marvic Sciberras Abdilla ghall-konvenuti Kontrollur tad-Dwana u Direttur tas-Sahha Pubblika tat ruhha b’notifikata ghall-Avukat Generali bic-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh tal-kawza. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tirrispingi wkoll dawn l-eccezzjonijiet preliminari.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza it-Tabib Principali tal-Gvern, tilqa it-tielet u ir-raba eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa wkoll it-tielet eccezzjoni tal-kjamat in kawza it-Tabib Principali tal-Gvern, u konsegwentement qeghda tichad it-talbiet kollha tas-socjeta’ attrici; bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------